# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru 1103/17 FDP**

**Fl-atti l-Mandat ta' Sekwestru nurmu 1516/17**

**fl-ismijiet**

**Labomed Limited**

**Vs**

**Catherine Mifsud**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Diċembru 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

> *Illi Labomed Limited talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi sabiex tikkawtela l-ammont ta' mija disa' u erbgħin elf, disgħa mija u sebgħin euro (€149,970) allegatment konsistenti f'penali mħallsa ta' tletin elf Ewro (€30,000) għal kera imħallsa inutilment, u loss of profits fis-somma ta' mija u tlett elef, disgħa mija u ħamsin (€103,950).*

*Illi dan il-mandat ta' sekwestru ġie ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2011 u akkordat fl-20 ta' Ottubru 2017, u għalhekk ġew issekwestrati l-kontijiet bankarji tal-esponenti.*

*Illi l-kwistjoni tikkonċerna konvenju li saret għall-bejgħ ta’ liċenzja ta’ spiżerija (propjeta’ tal-esponenti) lil terzi Browns Pharma Limited. Dan qed jiġi kontestat mis-soċjeta’ Labomed Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "s-soċjeta’ eżekutanti"). Għalhekk żewġ kawżi ġew intavolati fil-Prim’ Awla mis-Soċjeta’ Eżekutanta fl-ismijiet: Labomed Limited v Catherine Mifsud bin-numru : 888/2016 SM u Labomed Limited v Superintendent tas-Saħħa Pubblika qua Awtorita’ tal-liċenzji bin-numru : 889/2016 MCH. Dan ta’ l-aħħar ġie intavolat biex iwaqqaf lis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika milli jipproċessa l-applikazzjoni għat-trasferiment tal-liċenzja.*

*Illi fil-kawża Labomed Limited kontra Catherine Mifsud (888/2016SM) s-Soċjeta’ Eżekutanta talbet biex l-Onorabbli Qorti:*

*“1. tiddikjara li l-intimata naqqset mill-obbligu tagħha biex tersaq għall-iffirmar tal-applikazzjoni tal-liċenzja in kwistjoni sabiex tiġi trasferita d-Dispensary License DL027 lill-kumpanija rikorrenti (Labomed) u dan skont il-ftehim tal-20 ta' Lulju 2016;*

*2. Tikkundana lill-intimata sabiex entro żmien perentorju ffissat minm din l-Onorabbli Qorti tersaq għall-iffirmar tal-appikazzjoni in kwistjoni sabiex tiġi trasferita d-Dispensary License DL027 lill-kumpanija rikorrenti versu l-ħlas tal-prezz miftiehem"*

*Illi l-Artikolu 1357 (i) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jitkellem dwar il-'Wegħda ta' bejgħ' jiddisponi hekk:*

*"1357. (1) Il-wegħda ta' bejgħ ta’ ħaġa bi prezz determinat jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f’dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-aċċettant (enfasi miżjud)"*

*Illi l-kliem fl-Artikolu 1357 (1) jindikaw biċ-ċar illi għandu issir għażla bejn żewġ rimedji ċioe/iġġib, f’dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-aċċettant" Is-Soċjeta’ Eżekutanta għażlet li tagħmel azzjoni biex iġġiegħel lill-esponenti tersaq għall-bjegħ. Illi s-Soċjeta’ Eżekutanta pero’ xorta waħda għamlet mandat ta' sekwestru kawtelatorju għad-danni. Fil-fehma tal-esponenti dan ma kellux issir.*

*Illi l-liġi fil-każ ta' mandati kawtelatorji huwa ċar illi dawn bilfors jiġu segwiti minn azzjoni li titlob deċiżjoni dwar il-jeddijiet pretiżi w imħarsa*

*mill-istess mandat (Art 843(1), 846(1), 849 u 876A tal-Kap 12). F'dan il-każ azzjoni għad-danni. Fil-kawża pendenti kontra l-esponenti ma saritx talba għad-danni. Lanqas ma ġiet intavolata kawża oħra fl-għoxrin jum hekk kif mitlub mill-Art 843, tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta biex issir din it-talba għad-danni. Għalhekk skont l-Artikolu 836 (1)(a): l-att kawtelatorju de quo m'għadux iktar fis-seħħ.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, qabel ma ġew ippreżentati ż-żewġ kawżi fuq indikati ġie ppreżentat u akkordat ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru: 1217/2016 (SM) fl-ismijiet: Labomed Limited v. Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika qua Awtorita' dwar il-Liċenzji (ai termini tal-Kap 873 tal-Kap 12) u dan sar biex jikkawtela d-drittijiet tas-Soċjeta' Eżekutanta.*

*Illi di piu il-valur tal-liċenzja stess, (kif indikata mis-Soċjeta' Eżekutanta fir-rikors ġuramentat tagħha fil-kawża Labomed Limited v Catherine Mifsud numru: 888/2016 SM) hija fl-ammont ta' l-fuq minn €400,000. Għalhekk il-mandat de quo mhuwiex prima facie ġustifikat u saħansitra, fil-fehma tal-esponenti l-pretensjonijiet tas-Soċjeta' Eżekutanta huma suffiċjentement kawtelati bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi di piu l-ammonti u d-danni imsemmija huma eżaġerati għall-aħħar. Illi huwa ċar illi Soċjeta' Eżekutanta qed tuża il-proċedura tal-mandat kawtelatorju abbusivament u biex tpoġġi l-esponenti taħt pressjoni qawwija biex iċedi għat-talbiet tagħha - xi ħaġa li legalment ma tistax tagħmel.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna s-segwenti:*

*(a) ir-revoka tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru għall-finijiet tal-Artikolu 836[1) [a] tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*(b) tikkundanna lill-istess Soċjeta' Eżekutanti tħallasha penali għall-finijiet tal-Artikolu 836(8) (a)(c) u (d) tal-istess Kodiċi;*

2. Rat illi fit-22 ta' Diċembru 2017, is-soċjeta' intimata Labomed Limited laqgħet għal dak mitlub billi ressqet is-segwenti difiża:

    1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' revoka numru 1103/2017 ippreżentat minn Catherine Mifsud fis-6 ta' Diċembru 2017 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1516/2017 maħruġ fl-ismijiet premessi fl-okkju surreferit;*

    2. *Illi qabel xejn jingħad illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni li Labomed Limited ħarġet fl-20 ta' Ottubru 2017 kontra Catherine Mifsud diġa' ġie*

*revokat bis-saħħa tal-kontromandat numru 1775/2017 maħruġ fl-20 ta' Diċembru 2017 (Dok A anness) u għalhekk f'dan l-istadju l-esponenti umilment tħoss illi din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tkompli tisma' r-rikors ta' Catherine Mifsud ġialadarba dan issa qiegħed intavolat fl-atti ta' mandat li m'għadux jeżisti;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti sejra tispjega fil-qosor lil din l-Onorabbli Qorti r-raġuni 'l għala (i) fl-ewwel lok hija intavolat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u (ii) fit-tieni lok għalfejn hija ma' fetħitx il-kawża relattiva fi żmien għoxrin (20) ġurnata mill-preżentata tal-istess mandat;*

*Għalfejn ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju*

4. *Illi fir-rigward ta' x'wassal lil Labomed Limited sabiex tintavola l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jingħad sintetikament is-segwenti:*

    4.1. *Illi minkejja li Catherine Mifsud biegħet (u mhux sempliċiment daħlet f'konvenju kif qed jiġi allegat mill-kontroparti) liċenzja ta' spiżerija lil Labomed Limited versu l-prezz ta' €400,000 permezz tal-ftehim tal-20 ta' Lulju 2016 iffirmat mill-partijiet hija baqgħet ma' effetwatx it-transferiment tal-liċenzja mal-awtoritajiet konċernati billi naqset milli tissottometti l-applikazzjoni relattiva sabiex jiġri dan. Dwar dan, hemm żewġ kawżi miftuħa minn Labomed Limited, waħda kontra l-istess Catherine Mifsud sabiex din tiġi kkundannata tersaq għat-trasferiment tal-istess liċenzja u l-oħra kontra l-Awtorita' dwar il-Liċenzji sabiex din ma' tipproċessax u ma' taċċettax it-trasferiment tal-liċenzja lil terzi;*

    4.2. *Illi fl-20 ta' Lulju 2016, ftit siegħat biss wara li Catherine Mifsud biegħet il-liċenzja tal-ispiżerija tagħha lil Labomed Limited, din tal-aħħar daħlet fi ftehim ma' terzi, ċioe' mal-kumpanija li topera l-Pama Shopping Complex fil-limiti tal-Mosta, sabiex tibda topera spiżerija fl-istess kumpless b'effett minn xahar qabel ma' kellu jiftaħ l-istess kumpless f'Diċembru 2016 (ara Dok B anness). Ġara illi ftit siegħat biss wara Catherine Mifsud reġa' bdiela mill-ftehim li kienet laħqet ma' Labomed Limited (ara Dok C anness) u sussegwentament ma' ttrasferietx il-liċenzja li biegħet lil Labomed Limited biex din tal-aħħar għandha spiżerija lesta ġewwa l-Pama Shopping Complex (ara Dok D anness) li pero' ma tistax toperaha bħala spiżerija minħabba li l-liċenzja tagħha ma' tgħajjatx lilha bi preġudizzju kbir għaliha kif ser jiġi spjegat fil-paragrafi sussegwenti;*

    4.3. *Illi fil-ftehim tal-20 ta' Lulju 2016 mal-operaturi tal-Pama Shopping Complex, Labomed Limited inter alia intrabtet mal-istess operaturi bi klawsola penali ta' elf euro (€1,000) għal kull ġurnata ta' dewmien li ddum ma' tiftaħ u topera l-ispiżerija b'effett mill-1 ta' Diċembru*

*2016. Din il-klawsola (ara klawsola numru 2.03 fil-ftehim anness u mmarkat bħala Dok A) tgħid illi l-penali ta’ kuljum tapplika xahar b’xahar u l-operatur għandu d-dritt jinnotifika lil Labomed Limited għal liema xahar jew xhur ta’ dewmien qiegħed japplika l-penali. Wara diversi xhur li fetħu l-Pama Shopping Complex bi spiżerija vojta (b’detriment għall-image u reputazzjoni tagħhom stess) u wara diversi interpellanzi verbali u bil-miktub, fl-aħħar l-operaturi tal-kumpless imponew penali ta’ €30,000 għax-xahar ta’ Ġunju 2017 liema penali kellha tiġi eventwalment imħallsa minn Labomed Limited (ara Dok E u Dok F annessi).*

*4.4. Illi skond il-ftehim tal-20 ta’ Lulju 2016, Labomed Limited kellha tħallas ukoll is-somma ta’ €15,020 bħala kirja għall-ewwel sena flimkien ma’ €3,323.28 għax-xhur ta’ Novembru 2017 u Diċembru 2017, liema kirja kellha titħallas lill-operaturi tal-Pama Shopping Complex inutilment minħabba li ma’ sar l-ebda użu tal-ispiżerija;*

*4.5. Illi l-accountants tal-kumpanija jikkalkulaw illi l-kumpanija għamlet telf ta’ qliegħ ta’ ċirca €145,516 għall-perjodu li beda fl-1 ta’ Diċembru 2016 sal-31 ta’ Diċembru 2017 - Dok G anness;*

*4.6. Illi għalhekk sal-ġurnata tal-lum, id-deċiżjoni ta’ Catherine Mifsud illi jerġa’ jibdielha u ma’ tonorax il-bejgħ tal-liċenzja li llum anqas biss għadha tagħha, swiet lil Labomed Limited iċ-ċifra totali ta’ €196,562.88 ċioe’ ftit inqas minn mitejn elf euro. Dawn id-danni qegħdin jikbru ma’ kull xahar ta’ dewmien apparti mill-fatt illi l-operaturi tal-Pama Shopping Complex jistgħu liberament jiddeċiedu li jerġgħu jimponu penalitajiet oħra għal dawn ix-xhur kollha ta’ dewmien;*

*4.7. Illi kien għalhekk illi wara diversi interpellanzi kemm verbali u kif ukoll bil-miktub (ara Dok H anness) Labomed Limited kellha tikkawtela l-posizzjoni tagħha billi tippreżenta mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra Catherine Mifsud fl-20 ta’ Ottubru 2017 għall-ammont totali, dak iż-żmien, ta’ €149,970 (l-ammont tela’ għal €196,562.88 illum il-ġurnata!);*

*Għalfejn Labomed Limited ma’ fetħitx il-kawża relattiva fi żmien għoxrin (20) ġurnata mill-preżentata tal-istess mandat*

*5. Illi fir-rigward ta’ x’wassal lil Labomed Limited sabiex ma’ tiftaħx il-kawża kontra Catherine Mifsud fi żmien għoxrin ġurnata mill-preżentata tal-istess mandat, jingħad sintetikament is-segwenti:*

*5.1. Illi wara li ġie ppreżentat il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fl-20 ta’ Ottubru 2017, Labomed Limited stenniet sakemm tara jekk il-banek lokali kellhomx flus appartjenenti lis-sekwestrata Mifsud. Ġara*

*illi sad-9 ta' Novembru 2017 (ċioe', id-data meta l-kawża kellha tinfetaħ) l-ebda bank ma' kien għadu ddepożita xi flus. Kien biss fil-15 ta' Novembru 2017 illi bank minnhom (BNF Bank p.l.c.) iddepożita l-ammont żgħir u insinifikanti ta' €703.06 (ara Dok I anness). Fil-21 ta' Novembru 2017 imbagħad l-HSBC Bank Malta p.l.c. infurmat lil Labomed Limited permezz tal-ittra annessa (ara Dok J anness) illi l-unika kont li kellha Catherine Mifsud kien wieħed joint flimkien ma' terzi u għalhekk ma' seta jsir l-ebda depożitu;*

5.2. *Illi fil-frattemp, minn riċerki li saru fir-Reġistru tal-Qorti, instab illi permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-26 ta' Frar 2012 (ikkonfermata kważi fl-interita' tagħha fl-appell fil-25 ta' Ottubru 2013), il-Qorti kienet inter alia ppronunzjat s-separazzjoni personali bejn Catherine Mifsud u l-ex-raġel tagħha u kienet xoljiet ukoll l-komunjoni tal-akkwisti, illikwidatha u assenjat l-assi lil parti u lil oħra skond il-każ. Sussegwentement pero' fil-25 ta' Frar 2016 Catherine Mifsud fetħet kawża oħra kontra l-ex-raġel tagħha fejn din id-darba talbet lill-istess Qorti sabiex inter alia effettivament tbiddel il-mod kif il-Qorti fis-sentenza preċedenti kienet assenjat l-assi lill-partijiet inkluż billi tassenja tlett life insurance policies lit-tlett itfal tagħha u ddaħħal fi-investimenti li kellhom jinqasmu bejn il-partijiet, karozza ġdida li allegatament kien xtara l-ex-raġel tagħha;*

5.3. *Illi dan kollu kien ifisser illi meta fid-9 ta' Novembru 2017 ċioe' id-data ta' meta kellha tinfetaħ il-kawża "kawtelata" bil-mandat, Labomed Limited sabet ma' wiċċha sitwazzjoni fejn għalkemm kellha l-bżonn urġenti u l-ħtieġa legali li tiftaħ kawża kontra Catherine Mifsud, minn naħa l-oħra kienet taf illi f'każ ta' eżitu posittiv tal-aħħar ma' kinetx f'posizzjoni finanzarja suffiċjenti sabiex tħallasha d-danni u fl-istess ħin is-sitwazzjoni tal-assi tagħha kienet u għadha waħda ferm nebuluża. Għalhekk Labomed Limited għażlet illi tkun kawża u twettaq ir-riċerki tagħha (anke fir-Reġistru Pubbliku) sabiex tivverifika jekk għandhiex tipproċedi b'passi ġudizzjarj. Filfatt għadha sal-ġurnata ta' llum tqis jekk għandhiex tieħu dan il-pass jew le;*

5.4. *Illi sadanittant fid-dawl tal-fatt illi l-ebda bank ma' ddepożita sommom suffiċjenti fl-atti tal- mandat u fid-dawl ukoll tar-rikors ta' revoka li għoġobha tagħmel Catherine Mifsud, Labomed Limited iddeċidiet illi minn rajha tnaqqas il-kumplikazzjonijiet billi titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tagħha stess, u di fatt hija għamlet dan permezz tal-kontromandat maħruġ fl-20 ta' Diċembru 2017.*

6. *Illi fil-verita' pero' ma kull ġurnata li tgħaddi Labomed Limited għadha u ser tkompli ssofri danni kbar b'kawża tal-ebbusija ta' ras u l-kilba għall-*

*flus li għandha Catherine Mifsud li mhux talli m'hijiex vittma f'dawn il-proċeduri iżda talli hija l-perċimes sabiex żewġ kumpaniji kbar fil-qasam tal-farmaċewtika jispiċċaw f'sitwazzjoni xejn feliċi fejn qegħdin litteralment jissieltu għand min għandha tmur il-liċenzja, dan kollu għaliex wara li fl-20 ta' Lulju 2016 Catherine Mifsud laħqet ftehim u biegħet il-liċenzja lil Labomed Limited, hija sabet deal aħjar mingħand Brown's Pharma Limited. Fl-isfond ta' dan kollu, il-Pama Shopping Complex għadu sal-lum il-ġurnata bi spiżerija vojta;*

7. *Illi għalhekk Labomed Limited ma' teskludix illi f'każ illi s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Catherine Mifsud titjieb jew f'każ illi s-sitwazzjoni tal-assi tagħha tiġi ċċarata, hija taġixxi minnufih kontriha bil-preżentata tal-mandati opportuni flimkien mal-kawża appożita;*

8. *Illi in konklużjoni, Labomed Limited ma' jissorpendiha xejn illi Catherine Mifsud qed titlob l-imposizzjoni ta' penali fuqha talli ma' ppreżentatx il-kawża fiż-żmien stipulat. Għal Catherine Mifsud din il-proċedura m'hija xejn ħlief mezz ieħor sabiex tiggwadanja xi ħaġa tal-flus mingħajr mistenni. Madanakollu kif sew irriteniet din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, inkluż fil-kawża fl-ismijiet FM Promotions Limited vs Polidano Brothers Limited et (Rikors Numru 183/2015 SM deċiż fis-26 ta' Mejju 2016);*

   > *"Illi fir-rigward tat-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-ħlas ta' penali ai termini tal-Artiklu 836(8) u (9) tal-Kap 12 de quo, issir referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet North Services Limited vs. Meir Assouline, datata 28 t'April, 2015, li ssostni s-segwenti: "Illi dwar il-kwistjoni tal-impożizzjoni tal-penali jrid jingħad li din hi sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali"*

9. *Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi Labomed Limited umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba ta' Catherine Mifsud għall-imposizzjoni ta' penali fuq Labomed Limited stante illi din kellha raġuni tajba sabiex ma' tintavolax il-kawża fiż-żmien stipulat.*

3. Rat illi bejn il-11 ta' Ottubru 2018 u it-23 ta' Ottubru 2019 il-kawża kienet qed tistenna l-eżitu tal-kawża Rikors Nru 888/16 fl-ismijiet inversi.

4. Rat illi dina l-Qort, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ fit-23 ta' Ottubru 2019.

5. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019 il-Qorti ordnat illi jinġiebu l-provi fil-każ odjern.

6. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2020 mir-rikorrenti, fejn iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

7. Rat illi bejn l-10 ta' Marzu 2020 u l-15 ta' Lulju 2020, ma setgħux isiru seduti minħabba f'limitazzjonijiet imposti mill-Aworitajiet tas-Saħħa in vista tal-pandemija Covid-19.

8. Rat illi fis-26 ta' Jannar 2021, il-kawża ġiet differita għall-finali trattazzjoni.

9. Semgħet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fid-19 ta' Mejju 2021.

**Konsiderazzjonijiet**

10. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni inbdew mir-rikorrenti Catherine bħala riżultat tal-fatt illi s-soċjeta' intimata Labomed Limited kienet ippreżentat Mandat ta' Sekwestru fuq Catherine Mifsud fl-20 ta' Ottubru 2017 abbażi ta' pretensjonijiet illi s-soċjeta' intimata kellha kontra tagħha. (fol 54)

11. Jirrriżulta illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, ossija ġimgħatejn wara li ġie ppreżentat tali rikors, jiġifieri fl-20 ta' Diċembru 2017, is-soċjeta' intimata ippreżentat Kontro Mandat Nru 1775/17 (fol 58), fejn talbet il-ħruġ ta' kontro mandat "*stante li m'għadux jagħmel sens għall-kumpannija rikorrenti li żżomm fis-seħħ dan il-mandat tenut kont is-sitwazzjoni finanzjarja ħażina tal-intimata kif ukoll is-sitwazzjoni personali tagħha mal-ex raġel tagħha fejn l-assi tal-partijiet għadhom ma ġewx assenjati lil xulxin b'mod effettiv.*"

12. Jirriżulta illi, nel frattemp, tinsab pendenti quddiem dina l-Qorti kif ippresjeduta kawża bin-numru 888/16 bejn il-partijiet, intavolata minn Labomed Limited kontra Catherine Mifsud, sabiex Mifsud tittrasferixxi Dispensary Licence DL027 lis-soċjeta' Labomed Limited.

13. Jirriżulta illi minkejja illi l-Mandat ta' Sekwestru 1103/17 ġie revokat fl-20 ta' Diċembru 2016, ir-rikorrent xorta baqgħet tinsisti bil-proċeduri odjerni, fejn talbet li s-soċjeta' Labomed Limited tħallas penali stante illi ma ppreżentat kawża fi żmien l-għoxrin jum stabbiliti mill-Liġi.

14. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak illi qalu l-Qrati tagħna dwar tali kwistjoni, u ssir referenza għal każ '**Paul Caruana vs Global Executive Search Limited et**' deċiża fil-31 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti qalet dan:

> *Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi. Il-penali maħsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta` fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*
>
> *Illi fil-każ "Paul Attard noe. vs Loreto Abela" – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, ingħad hekk:*

*Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin; l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għall-jedd li għandu ma jiqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita` ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;*

*Illi ġeneralment l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm, ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbilta` jrid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

*F'dan il-kuntest, in linea ta' prinċipju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-liġi huwa l-abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja. (Ara Spiteri vs Camilleri P.A. deċiża fl-10 ta' Jannar 1992, u John Zarb vs Port Cottonera Limited P.A. deċiża fit-18 ta' Settembru 2002).*

15. Il-Qorti tosserva illi, fil-każ odjern, għalkemm huma minnu illi s-soċjeta' Labomed Limited ma pproċedietx b'kawża għad-danni indikati fil-Mandat ta' Sekwestru odjern, jirriżulta illi proċeduri fil-konfront ta' Catherine Mifsud kienet attwalment intavolat, u jinsabu pendenti sal-ġurnata ta' llum.

16. Jirriżulta wkoll illi mal-preżentata tar-rikors odjern, flimkien mar-risposta tagħha, s-soċjeta' Labomed Limited ippreżentat Kontro Mandat u tneħħa l-Mandat ta' Sekwestru meritu tal-proċeduri odjerni.

17. Jirriżulta, għalhekk, illi ma jistgħax jingħad illi kien hemm xi abbuż mill-proċeduri meta ġie ppreżentat l-Mandat ta' Sekwestru meritu tal-proċeduri w ma ttieħdux proċeduri oħra fil-konfront tar-rikorrenti, stante illi tali Mandat ma jistax jitqies waħdu iżda irid jitqies fl-ottika ta' proċeduri oħra illi kellhom il-partijiet bejniethom.

18. Bħalma qalu l-Qrati Maltin, l-għoti ta' penali għall abbuż mill-proċedura ġudizzjarja għandha titqies biss f'każijiet eċċezzjonali fejn jidher lampanti li l-proċedura intużat b'mod abbużivament.

19. Mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-proċeduri odjerni setgħu faċilment ġew riżolti fl-20 ta' Diċembru 2016, meta l-Mandat ġie revokat mis-soċjeta' Labomed Limited, stante illi r-raġuni prinċipali wara l-proċeduri mibdija mir-rikorrenti, ossija t-tneħħija tal-Mandat ta' Sekwestru, kienet ġiet sorvolata, u ma kien hemm ebda raġuni li tali proċeduri jinżammew pendenti, għajr għax-xewqa tar-rikorrenti illi tinfliġġi penali fuq is-soċjeta' intimata Labomed Limited.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1103/17 stante illi dana ġie revokat fl-20 ta' Diċembru 2017 permezz ta' Kontro Mandat Nru 1775/17.

**Tiċħad** it-talba rkorrent għall-kundanna ta' ħlas ta' penali.

**Kull parti** għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**